**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr. Marouska Debono LL.D; M.A. in Law**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 28 ta' Mejju, 2025**

**Talba Nru: 337/2020MD**

**Dr Mark Sammut [K.I. Nru: 428369M] u Carmen Sammut [K.I. 109473M]**

**Vs**

**Daniel Lyubomirov Barzashki [K.I. 258363A]**

## It-Tribunal,

Ra l-Avviż fl-ismijiet premessi ppreżentat fil-21 ta' Diċembru, 2020[1] permezz ta' liema l-atturi talbu li l-konvenut jiġi kkundannat bħala unikament responsabbli għad-danni kollha sofferti mir-rikorrenti u sabiex jirrimborsa s-somma ta' tlett'elef, mija u sebgħin ewro (€3,170) flimkien ma' dik is-somma kif likwidata f'danni inkluż iżda mhux limitatament għal spejjeż emerġenti, attwali u aġġornati inkluż li jerġgħu jiġu restitwiti fil-pożizzjoni li kienu fiha qabel, bl-ispejjeż legali u bl-imgħax legali mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali bin-numru 2228/2020.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 9 ta' Frar, 2021[2] li permezz tagħha eċċepixxa:

*Illi fl-ewwel lok, ma huwiex minnu illi x-xogħol ma sarx skond l-arti u s-sengħa, hekk kif ser jiġi ampjament ippruvat waqt l-andament tal-kawża.*

[1] A fol 1 et seq tal-proċess
[2] A fol 10 et seq tal-proċess

*Illi l-mittenti ma għandux x'jaħti għad-dewmien tal-proċess tal-installazzjoni tal-blinds.*

*Illi wassal l-ordni fil-bidu ta' Awwissu u mhux f'Settembru kif qed jallegaw l-atturi.*

*Illi meta wassal l-ordni lill-atturi kif miftiehem magħhom, kienu huma li saqsewh sabiex ma jinstallawx il-blinds għaliex ippjanaw li jagħmlu xi xogħol ta' kostruzzjoni fuq id-dar tagħhom fl-istess ġurnata li kienu fthiemu miegħu għall-installazzjoni.*

*Meta infurmawh li xtaqu jipposponu l-installazzjoni, il-mittenti qalilhom sabiex jikkomunikaw miegħu ladarba jkunu jixtiquh jinstallhom.*

*lli wara dan, l-atturi damu xahar sħiħ ma jkellmu lill-mittenti għal appuntament.*

*Illi f'Settembru, meta waslet il-ġurnata tal-installazzjoni, il-mittenti nnota li kien hemm biss electricity supply għal blinds fil-kċina u li l-areas l-oħra kollha li fihom kellu jinstalla l-blinds ma kellhomx electricity supply fejn wieħed ikun jista jqabbad il-blinds miegħu.*

*Illi l-mittenti informa lill-atturi b'dan in-nuqqas u bil-fatt li huwa ma għandux licenzja sabiex jinstalla l-elettriku u li xogħolu huwa li jforni l-electrical blinds u li jqabbadhom mal-electricity supply tad-dar.*

*Illi l-ftehim tal-partijiet kien biss li l-mittenti jipprovdihom bl-ordni tal-blinds u li jqabbadhom mal-electricity supply tad-dar.*

*Illi l-atturi nfurmaw lill-mittenti illi kienu ser jirranġaw l-electricity supply sabiex l-mittenti jkun jista jqabbad il-blinds mal-elettriku.*

*Illi, peress illi l-atturi ma kellhomx electricity supply lest għall-installazzjoni bħalma wieħed għandu jkollu jekk ikun beħsiebu jwaħħal electrical blinds, matul dan l-appuntament il-mittenti waħħal biss wires temporanji ma' plug sabiex jara jekk il-blinds jaħdmu sew. Il-mittenti avża lill-atturi li din is-sistema hija biss temporanja u li ma għandhomx jippruvaw jużaw il-blinds jew iqabbduhom mal-plug qabel ma jirranġaw l-electricity supply u qabel l-esponenti jqabbad il-blinds mal-elettriku tagħhom.*

*Illi, kontra dak allegat mill-atturi, il-muturi tal-blinds waslu mingħand il-manifattur jaħdmu. Biss ma kienux ipprogrammati u għalhekk bdejna nagħmlu l-arranġamenti sabiex rappreżentant tal-manifattur imur jipprogrammahom hu stess.*

*Illi ma huwiex minnu li l-blinds huma difettużi u lanqas ma huma difettużi l-muturi jew ebda parti oħra tal-ordni fornuta lilhom.*

*Illi l-attentati sabiex il-proġett jiġi komplut saru mingħand il-mittenti u kienu l-atturi li ma ħadux il-passi neċessarji sabiex il-mittenti jkun jista' jispiċċa xogħolu.*

*Illi nonostante ħafna attentati, l-atturi baqaw ma rranġawx l-electricity supply u lanqas ma pprovdew il-mittenti b'appuntament sabiex jiġu programmati l-muturi tal-blinds.*

*Illi ma huwiex minnu li l-mittenti kkawża xi danni lill-atturi u lanqas ma huwa minnu li qiegħedhom f'xi forma ta' periklu.*

*Di piu', żgur illi l-problemi li qed jallegaw li qed ikollhom mal-fire alarm, żgur li ma għandhomx x'jaqsmu mal-blinds tal-mittenti, ladarba dawn qas biss huma konnessi mal-elettriku tad-dar tal-atturi.*

*Fil-kumplament, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Bl-ispejjeż.*

Ra l-kontro-talba tal-konvenut-rikonvenzjonant ppreżentata mar-risposta[3] senjatament:

*Illi l-intimat rikonvenjenti iffornixxa ordni ta' electrical blinds lill atturi rikonvenuti għall-prezz miftiehem ta' tlett elef u disgħa mija u żewġ Ewro (€3902.00).*

*Illi nonostante l-interpellazzjonijiet tal-mittenti, l-azzjonijiet tal-atturi rikonvenuti għamlu b'tali mod illi l-installazzjoni tal-blinds ma setgħax jiġi komplut, hekk kif ser jigi ampjament ippruvat waqt l-andament tal-kawża.*

*Illi sal-ġurnata tal-lum l-atturi rikonvenuti ħallsu biss l-ammont ta' tlett elef u mija u sebghin Ewro (€3170.00) lill-mittenti.*

*Illi għad fadal bilanċ x'jitħallas ta' sebgħa mija u tnejn u tletin Ewro (€732.00).*

*Għaldaqstant il-mittenti jitlob bir-rispett lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-atturi rikonvenuti sabiex iħallsu l-bilanċ rimanenti ta' sebgħa mija u tnejn u tletin Ewro (€732.00) għall-ordni fornut lilhom fuq ordni tagħhom stess flimkien mal-interessi bl-għola rata premess mil-liġi sad-data tal-effettiv pagament.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont il-ligi kontra l-atturi rikonvenuti.*

Ra r-risposta tal-atturi rikonvenzjonati, għall-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant ppreżentata fid-19 ta' Frar, 2021 fejn eċċepew is-segwenti[4]:

1. *Illi r-rikorrenti rikonvenzjonati jirrespinġu bħala infondanti fil-fatt u fid-dritt il-pretrensjonijiet u t-talbiet rikonvenzjonali kollha u dan għar-raġunijiet li se jiġu spjegati aħjar fil-mori;*

[3] A fol 13 tal-proċess
[4] A fol 17 et seq tal-proċess, liema att ġie rikostruwit

2. *Illi l-intimat Daniel Lyubomirov ma kien għamel ebda referenza għal xi pretensjoni ta' ħlas, kif kieku kien jispetta li jagħmel fir-risposta tiegħu għall-Ittra Uffiċjali oriġinarjament mibgħuta lilu mir-rikorrenti;*

3. *Illi dan il-fatt fih innifsu ukoll jindika li ma kien hemm pendenzi ta' ħlas min-naħa tar-rikorrenti versu l-intimat, u pjuttost din il-kontro-talba qiegħda għalhekk issir bħala reazzjoni vessatorja għat-talbiet tar-rikorrenti;*

4. *Illi bl-ebda mod ir-rikorrenti rikonvenzjonanti naqsu milli jagħtu l-opportunita' u l-ħin sabiex il-konvenut rikonvenzjonant ilesti x-xogħlijiet li ħalla bla mitmuma, kawża tal-aġir irresponsabbli u mhux professjonali tiegħu;*

5. *Illi r-rikorrenti rikonvenzjonanti ma għandhom jagħtu xejn lil-konvenut rikonvenzjonant, li fi kwalunkwe każ għandu jġib prova ta' dak pretiż minnu;*

6. *Illi b'hekk it-talbiet rikonvenzjonali għandhom jiġu interament miċħuda bl-ispejjeż kontra l-konvenut rikonvenzjoant li minn issa hu nġunt in subizzjoni.*

7. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra d-dokumenti li ġew esebiti in atti;

Ra l-affidavits esebiti in atti;

Ra x-xhieda prodotta mill-partijiet;

Ra n-noti ta' sottomissijonijet ippreżentati mill-partijiet;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

Ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti fil-Qosor**

Fit-13 ta' Ġunju, 2020, l-atturi-rikonvenzjonati talbu lil konvenut-rikovenzjonant għal stima biex jinstalla *blinds* motorizzati fir-residenza tagħhom u fl-istess jum ġiet imħallsa s-somma ta' elf, mija u sebgħin ewro (€1,170) bħala depożitu, fejn il-konvenut-rikonvenzjonat wegħdhom li l-*blinds* ikunu installati sat-3 ta' Lulju, 2020. F'Settembru 2020 beda bl-installazzjoni u l-atturi rikonvenzjonati ħallsuh s-somma rimanenti ta' elfejn ewro (€2,000) u dan ferm wara li kienu ngaġġawh sabiex jagmel dawn ix-xogħolijiet u ferm wara d-data imwiegħda. Din l-installazzjoni u t-tagħmir użat kien difettuż *stante* li la l-mutur u lanqas il-*controls* tal-*blinds* elettroniċi ma jaħdmu u għalhekk x-xogħol magħmul mill-konvenut-

rikonvenzjonanti ma huwiex skont is-sengħa u l-arti, u dan għaliex l-mutur u l-*controls* huma parti essenzjali u mhux xi ħaġa temporanja. Il-maġġjoranza tal-*blinds* installati għandhom xi difett u għalhekk ma humiex iservu l-iskop għaliex ġew installati. Hemm ukoll ċertu *wiring* li baqa' espost u dan b'riskju għas-sigurta' tal-familja tagħhom. Il-konvenut-rikonvenzjonanti wiegħed lill-atturi numru ta' drabi li l-istess xogħol ser ilestih madanakollu wara ġimgħat ta' stennija l-konvenut baqa' ma spiċċax ix-xogħol. Minħabba dawn in-nuqqasijiet, l-atturi qegħdin iġarrbu ħsarat oħra. Għalhekk jitolbu sabiex il-konvenut jiġi kkundannat bħala responsabbli għad-danni kollha sofferti u li jiġu rifużi s-somma ta' tlett'elef, mija u sebgħin ewro (€3,170) flimkien ma' dik is-somma kif likwidata f'danni inkluż iżda mhux limitatament għal spejjeż emerġenti, attwali u aġġornati inkluż li jerġgħu jiġu restitwiti fil-pożizzjoni li kienu fiha qabel. Il-konvenut-rikonvenzjonanti fil-kontro-talba talab li l-atturi-rikonvenzjonati iħallsu l-bilanċ rimanenti ta' sebgħa mija u tnejn u tletin ewro (€732) għall-ordni fornuta lilhom.

**Kunsiderazzjonijiet**

Ra r-rapport ta' **Melkisedek Grima**[5] permezz ta' liema spjega li huwa spezzjona il-fond fejn saret l-installazzjoni ta' *automated remote-controlled system for curtain blinds* u kkonferma l-ilment tas-sid li l-installazzjoni *leaves a lot to be desired*. Mill-ispezzjoni rriżultalu illi:

1. *Most of the blinds don't work at all and some not even connected to their respective supply point.*

2. *Some wires were left dangerously exposed and I had to fix them.*

3. *The motors heat up, which indicates that they are either not compatible with the Maltese electrical supply voltage or simply under powered.*

*This whole thing can lead to dangerous situations such as property damage and even worse personal injury.*

Fejn ikkonkluda li l-installazzjoni ma hijiex kompluta u professjonali, negliġenti u perikoluża.

Fil-kontro-eżami[6] kkonferma li qatt ma ltaqa' mal-konvenut u lanqas kien fuq il-post meta saru x-xogħolijiet fid-dar tal-atturi. Qatt ma ra kuntratti jew ftehim li saru bejn il-partijiet. Ikkonferma li l-konnessjoni tal-*blinds* mal-*electrical supply point*, il-*maltese eletrical supply voltage*, il-*wiring* huma affarijiet li jaqgħu taħt l-ambitu tax-xogħol ta' *electrician*. Tul il-professjoni tiegħu bħala *electrician* qatt ma ġie ingaġġat sabiex jinstalla provvista tal-elettriku biex jakkomoda *electrical blinds* ġodda imma bħala *point of supply* jista' jitqabbad li jrid magħhom dment li jkun hemm apparat kompatibbli mal-vultaġġ. Jekk ma jkunx hemm provvista tal-elettriku, l-*electrician* irid jinstallah. L-atturi kienu kelmuh fl-istess żmien li kien

[5] A fol 43 tal-proċess
[6] A fol 181 tal-proċess, kontro-eżami datat 14 ta' Mejju, 2024

għamel ir-rapport u ċioe fid-29 ta' Jannar, 2021. Meta mar jiċċekja l-*blinds* iċċekja jekk kienx hemm elettriku.

Fir-ri-eżami[7] fuq domanda li filwaqt li x-xogħol ta' installazzjoni irid isir minn *electrician*, il-blinds min jinstallahom u jqabbadhom mad-dawl, wieġeb li dawk normalment jagħmluhom it-*technicians*. Jekk ikun lest għall-installazzjoni jkun jista jagħmilhom hu, pero' jekk bniedem ikun qiegħed fuqhom biss m'hemmx għalfejn ikollu liċenza ta' *electrician* biex iwaħħal. Kif qal fir-rapport jista' jkun li jkunu *under rated* jew mhux kompatibbli mija fil-mija. Il-*blinds* jaħdmu meta jkollok apparat li ma jkunx kompatibbli mija fil-mija pero' li għandek jiddependi mil-*load* u kemm ser idum jaħdem u għalhekk kienu qed jisħnu. Il-muturi kienu qed jixgħelu u jisħnu u kien hemm minnhom ma jaħdmu xejn. Kompla jgħid li jekk ikunu qed jisħnu minħabba l-*load* jistgħu idaħħnu u jinħarqu, għalhekk kollox jaffettwa. Kien hemm xi *wires* li ma kienux imdawrin bit-*tape* sew u kien jidher il-*metal* tagħhom. Hu mar fuq il-post biex jara l-affarijiet li kienu jidhru fir-ritratti li ntbagħtulu. Qal li l-konvenut ħalla nofs xogħol u nofshom biss kienu jaħdmu, apparti li ma kienux jaħdmu tajjeb.

Fil-kontro-eżami ulterjuri[8] qal li l-provvista tal-elettriku kienet mal-ħajt, saħansitra ra l-*wires* li kien hemm ħerġin. Sa fejn jaf hu meta mar fuq il-post rahom il-*points*. Ikkonferma li r-rapport datat 29 ta' Jannar, 2021 ġie redatt minnu. Ikkonferma li persuna li ma jkunx *technician* jista jqabbad il-*blinds* mad-dawl. Spjega li biex twaħħal sett ta' *blinds* l-ewwel irid ikollok l-ispeċifikazzjonijiet kollha sabiex tara li jaqbel mad-dawl. Ġjaladarba kellek *technician* ikun jaf jekk hemmx kompatibilita' mad-dawl u m'għandux għalfejn ikun *electrician* li jwaħħalhom.

Ra l-affidavit ta' **Dr. Mark Sammut**[9] li permezz tiegħu kkonferma bil-ġurament il-kontenut kollu ta' dokument esebit fis-seduta tal-24 ta' Mejju, 2021[10] u kkonferma li n-notamenti u r-ritratti/*screenshots* ħadhom hu. Spjega li nhar it-13 ta' Ġunju, 2020, hu u l-mara tiegħu, Carmen Sammut talbu lil konvenut sabiex jagħtihom stima[11] sabiex jiġu installati u mibdula minn *blinds* mekkaniċi għall-*blinds* elettriċi fir-residenza tagħhom, sitwata 10, Red Gate, Triq Santa Marija, Rabat. Fl-istess jum ħallsu lil konvenut is-somma ta' elf, mija u sebgħin ewro (€1,170) bħala depożitu u dan ġie kkonfermat mil-konvenut stess fl-istess stima u anke kif jidher mill-kopja taċ-ċekk[12]. Il-konvenut kien qalilhom li dawn il-*blinds* kellhom ikunu installati sat-3 ta' Lulju, 2020. Madanakollu kien f'Settembru 2020 meta beda bl-installazzjonijiet u t-tibdil tal-*blinds*, b'dan illi huma ħallsuh is-somma addizzjonali ta' elfejn ewro (€2,000) dakinhar stess[13]. Għalhekk b'kollox huma ħallsu s-somma ta' elf, mija u sebgħin ewro (€1170) f'Ġunju tas-sena 2020 u s-somma ta' elfejn ewro (€2000) f'Settembru fis-sena 2020. Kompla jgħid li huma jinsistu li stennew li jkollhom ix-xogħolijiet lesti sal-ewwel ġimgħa ta' Lulju u ma huwiex minnu li qalulu sabiex ma jibdiex ix-xogħlijiet għaliex riedu jagħmlu xi xogħolijiet ta' kostruzzjoni fid-dar. Qal illi din l-installazzjoni seħħet ferm wara li hu u martu ngaġġajwh sabiex jagħmel dawn ix-xogħlijiet u ferm wara d-data mwiegħda. Filfatt kien lahaq għadda l-

---

[7] A fol 182 et seq tal-proċess
[8] A fol 184 et seq tal-proċess
[9] A fol 47 et seq tal-proċess
[10] A fol 29 et seq tal-proċess
[11] A fol 29 tal-proċess
[12] A fol 30 tal-proċess
[13] A fol 31 tal-proċess

istaġun li l-aktar li xtaqu li jkollhom il-*blinds* funzjonabbli minħabba s-sħana u x-xemx taħraq tas-sajf. Irriżulta li din l-installazzjoni u t-tagħmir użat kien difettuż, *stante* li la l-mutur u lanqas il-*controls* tal-*blinds* elettriċi ma ħadmu u għalhekk ix-xogħol magħmul mil-konvenut altru milli kien skont is-sengħa u l-arti. Kompla jgħid li l-mutur u l-*controls* tal-*blinds* fin-natura tagħhom bhala *blinds* elettroniċi huma parti essenzjali u mhux xi ħaġa temporanja jew aċċessorja. Fi kwalunkwe każ, żgur li ma seta' qatt iħalli *wires* mikxufin u esposti kif għamel, għaliex dawn kienu ta' periklu għall-familja tagħhom. Barra minn dan, ċerti mill-*blinds*, u ċioè dawk tal-kurritur baqgħu qatt ma ġew imqabbda, kif suppost kellu jagħmel, kif ukoll ma kinux installati t-*timers* u l-*finishing* tal-istess *blinds* elettriċi. Barra minn hekk il-maġġoranza assoluta tal-*blinds* installati mill-bidu kellhom xi difett jew ieħor u għalhekk ma humiex iservu għall-iskop li għalih ġew installati, tant li ċertu *wiring* baqa' espost, kif għadu espost sal-lum u dan b'riskju kbir għas-sigurtà tal-familja tagħhom. Jiftakar kif f'Ottubru, 2020 kien qata' qalbu li jistgħu jitranġaw u talbu biex filkas jerġa' jagħmilhomlu manwali kif kienu. Jinsisti li l-*wiring* li kellu jiġi installat mal-*blinds* huwa parti integrali mill-istess xogħol li l-konvenut ġie inkarigat sabiex jagħmel u ma kellux ikun temporanju. Jekk tali *wiring* kellu jkun temporanju, qatt ma qalilhom jew avżahom, tant li kien ammetta li kellu jmur sabiex ikompli u jlesti x-xogħolijiet. Il-konvenut qatt ma qalilhom li kellhom iqabbdu *electrician* ieħor sabiex il-*wiring* tal-*blinds* jiġi mqabbad mas-sistema tad-dar. Tant hu hekk li meta mar il-kollega tal-konvenut sabiex ilesti x-xogħolijiet fis-26 ta' Settembru, 2020, qalilhom li l-problema bl-*overheating* tal-muturi, il-konvenut nnifsu ried isolviha. Madankollu, il-konvenut qatt ma reġa' mar u kien qalilhom li l-problema li hemm trid tissolva minn xi ħadd minn barra minn Malta. Wara li beda x-xogħol, il-konvenut wiegħdhom numru ta' drabi li l-istess xogħol ser imur ilestih iżda madanakollu wara ġimgħat ta' stennija, u numru kbir ta' drabi li qalulu sabiex imur, il-konvenut baqa' ma spiċċax ix-xogħol li kien ġie inkarigat jagħmel u li għalih ġie mħallas fl-intier tiegħu. Pjuttost, minflok dejjem sab xi skuża jew oħra għaliex ma setax imur jirranġa u jlesti x-xogħol. Minħabba dawn in-nuqqasijiet, hu u l-mara tiegħu Carmen Sammut ġarrbu wkoll problemi bis-sistema tal-*fire alarm*, għaliex minn mindu ġew installati l-*blinds*, l-*alarm* tan-nar qiegħda tiġi *triggered* għal kull ħaġa ta' xejn u dan qed joħloq skumdità, inkonvenjent u inkwiet bla bżonn mal-ġirien. Kompla jgħid illi n-nuqqasijiet kbar daparti tal-konvenut jirriżultaw bl-aktar mod ċar u juru li ċertament naqas milli jaħdem ta' *bonus pater familias* u naqas milli tal-anqas jilħaq mal-wegħdiet u d-dmirijiet li kellhom jiġu eżerċitati fl-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet illi wettaq. Ix-xogħolijiet kienu lil hinn minn dak mistenni minn persuna tal-mestjier u għal dan huwa għandu jkun responsabbli. Kompla jgħid li hu u l-mara tiegħu soffrew danni mhux biss kawża tad-dewmien inutli u mingħajr ebda ġustifikazzjoni sabiex ġew installati l-*blinds* mill-konvenut, iżda anki minħabba l-iskumdità li kien qed ikollhom jgħixu biha, tant li kellhom iqabbdu persuni terzi sabiex jispezzjonaw il-*blinds*, kif jidher mir-rapport ta' Melkisedek Grima datat id-29 ta' Jannar, 2021[14] li spezzjona s-sistema tal-*blinds* u kkonferma li l-maġġoranza tal-*blinds* kienu għadhom ma jaħdmux, li kien hemm *wiring* espost u ta' periklu (u filfatt irranġahom hu) u li l-muturi tal-*blinds* jisħnu meta mqabbda mal-elettriku u li għalhekk ma humiex kompatibbli mas-sistema tal-elettriku Maltija (mal-vultaġġ), jew inkella li ma kellhomx saħħa biżżejjed. L-istess Grima kkonferma li dawn in-nuqqasijiet jistgħu isarrfu f'dannu fil-proprjetà jew saħansitra korriment ta' xi membru tal-familja tagħhom. Kawża tal-aġir u n-nuqqas ta' kapaċità u ħila tal-konvenut, filli kellhom *blinds* (manwali) funzjonabbli u filli spiċċaw b'xejn fl-eqqel tas-Sajf. Pruvaw ikellmu lill-konvenut diversi drabi, kemm permezz tal-

[14] A fol 43 tal-proċess

*mobile* u kemm permezz ta' ittra uffiċjali[15] madanakollu baqa' inadempjenti u għalhekk kellhom jirrisolvu għall-Qorti sabiex jitolbu li s-somma li ħallsu tiġi rimborsata lura. Ma huwiex minnu li l-installazzjonijiet ma setgħux jiġu kompluti minħabba xi raġuni imputabbli lilu jew lil martu. Dawn jikkonfermawhom il-messaġġi[16] li juru biċ-ċar li d-dewmien inutli u n-nuqqasijiet kienu daparti tal-konvenut biss u li huma kienu altru minn paċenzjużi. Għalhekk qegħdin jitolbu li jiġu rimborsati l-ammont kollu mħallas flimkien ma' dik is-somma kif likwidata mit-Tribunal *in linea* ta' danni li soffrew u li għad iridu jsofru minħabba dan l-aġir negligenti tiegħu.

Fil-kontro-eżami[17] qal li sabu lil konvenut minn fuq l-*internet*, u ingaġġaw is-servizzi tiegħu sabiex il-*blinds* manwali jiġu mibdula fi *blinds* tal-elettriku. Meta bdew bl-installazzjoni kellhom provvista tal-elettriku ħdejn kull apertura li kellhom isiru l-*blinds*. Dawn kienu ġja fuq il-post fin-nofs u l-konvenut riedhom mal-ġenb. Ikkonferma li d-dokument li jinsab a fol 29 tal-proċess ġie ffirmat mil-mara tiegħu imma peress li għadda ż-żmien ma jiftkarx jekk kienx hemm dokumenti oħra. Fuq domanda li t-tim tal-konvenut kellu jmur fl-4 ta' Awissu, 2020 sabiex jinstalla l-blinds, wieġeb li ma jiftakarx id-dati imma l-ewwel kellhom jinstallaw parti u mbagħad kien hemm post fid-dar li kienu qed jiżbgħu u talbuh sabiex itihom jumejn oħra fejn il-konvenut weġibhom li ma kienetx problema għaliex kellu proġett ieħor li kien ser joħodlu ġimgħa biex ilestih kif ukoll kien hemm drabi li ma setgħax imur. Fir-rigward li ħallas elfejn ewro (€2,000) ma ftakarx id-dati iżda jiftakar li l-kuntrattur kien qed ikellmu u qallu li kellu bżonn il-flus u dan sabiex iħallas lis-*suppliers* u li l-marġini tal-profitti kienu baxxi u jekk setgħax iħallas dak l-ammont dik il-ġurnata. Ma kellux problema li jħallas u ħallas xi ħaġa. Fuq domanda jekk fl-aħħar appuntament li l-konvenut kellu fuq il-post kienx hemm xi affarijiet neqsin u għalhekk kellu jsir appuntament ieħor, innega u qal li l-affarijiet neqsin kienu qabel. Fil-ġurnata kellu appuntament li kien ħassar għax kellu jiġi l-konvenut u bagħat lil xi ħadd ieħor li bilkemm kien jitkellem bl-Ingliż u xejn Malti. Milli fehem kien qal li kien qed jagħmillu pjaċir u li kellha tkun l-aħħar ġurnata sabiex ilestu kollox, li effettivament ma sarx. Allura li ġara dak inhar kien li l-kuntrattur nnifsu kien installa l-affarijiet f'posthom imma ma kienux jaħdmu. Fuq mistoqsija jekk fl-aħħar appuntament f'Settembru kienx avżat minn Mi Casa Solutions jew mil-konvenut sabiex ma jwaħħalx l-*connector* tal-*blinds* mal-elettriku fid-dar għal raġuni ta' sigurta', wieġeb fin-negattiv u li barra minn hekk ma hemmx plakka iżda hemm konnessjoni u qabbdu il-konnessjoni. Ma hemmx *switches* jew affarijiet oħra għaliex dawn jaħdmu bir-*remote*, meta kienu qed jipprovawhom, li ma kienx il-kuntrattur, suppost meta jitilgħu 'l fuq il-mutur jieqaf iżda meta ġiet il-persuna l-oħra tipprovahom il-mutur baqa' għaddej u seta jara 'l parti ta' fuq tinfetaħ. Dik kienet meta l-problema bdiet u dan għaliex jew ma kellhomx *limit switches*, jew ma kienux imwaħħlin tajjeb. Fil-fatt il-*wires* iġġebbdu 'l ġewwa għaliex il-mutur iġġebbed 'l ġewwa għaliex baqa' għaddej. Ma kienx hemm konnessjoni għaliex il-konnessjoni kienet direttament komunikata mal-*consumer unit* imma ma kellieex *switch*. Qabel telqu ma neħħewhx minn mal-*consumer plug*. Fir-rigward tal-messaġġ li bagħat jgħid "*I unplugged and put the china connector and retaped*" spjega li kien qed jirreferi għat-tieqa l-kbira. Kollha kellhom il-problemi imma din kellha iktar problem għaliex kienet qed tisparkja u kien hemm *short*. Il-problema seħħet għaliex ma ssuplixxiex *unit* wieħed iżda sitt *units* differenti li jikkonnettjaw ma xuxin u għalhekk issuplixxa *point* fil-ġenb kif talab hu. Meta saret il-konnessjoni tal-*units* l-oħra ma għamlux it-*tape* tajjeb, għawġuhom b'idejhom u kienu qed imissu l-*aluminium* u wara ftit ġranet beda ħiereġ id-duħħan. Hu ċempel lil konvenut u kien

[15] A fol 3 et seq tal-proċess
[16] A fol 38 et seq tal-proċess
[17] A fol 147 et seq tal-proċess, kontro-eżami datat 5 ta' Lulju, 2022

qallu biex jagħmel *tape* jew *china connector* u pruvawha imma ma ħadmitx, tfigħhom mill-konnessjoni u reġa għamilhom imma għalxejn u dan għaliex ovvjament il-mutur baqa' għaddej. Ma jaħsibx li nħaraq iżda jaħseb li minħabba li baqgħu iduru ġibdu il-*wires* u l-konnessjoni miċ-ċirkwit. Ma kienx kuntent u kien ċempel lil konvenut li kien qallu li għandu l-problemi, li ma humiex tagħhom u li kienu għamlu *sub-contracting* ta' kumpanija Bulgara u għalhekk jew jistenna sabiex jirranġawhom jew inkella joħodhom lura. Wara ftit qallu biex joħodhom lura, iżda qallu li ma kienx ser jagħmel hekk. Ikkonferma li l-konvenut kien bagħtlu messaġġ fis-7 ta' Ottubru, 2020 u kien qallu li kien ser ikellem lil mara. Fl-4 ta' Awissu, 2020 hu kien qal lil konvenut sabiex imorru f'ġurnata oħra, u dan kien meta bdew l-ewwel installazzjoni u kienu qed ibajdu għaliex meta neħħa r-*rails* mil-gypsm ħalla xi toqob u meta staqsih qallu li l-profil il-ġdid ma kienx ser jgħaddihom u għalhekk qabbad lil xi ħadd biex jgħattihom u jbajjadhom li kien xogħol ta' bejn tlieta u erbgħa siegħat. Ma jiftakarx għala qallu biex imur xahar wara. Meta bagħtlu lir-raġel l-ieħor, l-istess raġel qallu li kien ġie vaganza Malta u kien qed jagħmel pjaċir lil konvenut billi jinstalla l-*blinds* u kienet l-ewwel darba tiegħu. Il-problema qatt ma kienet bix-xogħol li ma ġiex komplut, il-problema kienet li d-*devices* li ssupplixxa qatt ma ħadmu u huma qatt ma pruvaw joperawhom, il-konvenut operahom. Fiż-żmien bejn il-messaġġi skambjati bejn il-partijiet qal li kien hemm skambji verbali wkoll.

Fir-ri-eżami[18] qal li l-problema primarja ma kienx id-dewmin għalkemm kien hemm inkonstintenzi iżda l-makkinarju. Meta beda kollox kellu *electrician* jaħdem fuq il-post u l-elettriku kien qed jinqata l-ħin kollu, u kien dan l-*electrician* li għamel l-affidavit li ra dawn il-*wires*. Il-*blinds* kienu tiegħu u l-unika ħaġa li għamel il-konvenut kien il-muturi. Hu ħa l-*blinds*, naddafhom u mbagħad ġara dak li qal.

Ra l-affidavit ta' **Carmen Sammut**[19] li permezz tiegħu rreplikat dak li qal żewġha Dr. Mark Sammut fl-affidavit tiegħu u żiedet li r-ritratti li ħa żewġha jixhdu l-verita' u l-istat tal-installazzjoni kif ħallihom il-konvenut. Qalet ukoll li ġew f'punt li ma jistgħux jgħaddu sajf ieħor mingħajr *blinds* funzjonabbli u għalhekk ser ikollhom jinstallaw *blinds* ġodda sabiex tal-inqas ikollhom ilqugħ mix-xemx. Li kieku l-konvenut ried tassew imur jispezzjona l-*blinds* seta' għamel dan fix-xhur li għaddew iżda qatt ma mar. Kompliet tgħid li ma huwiex minnu li l-installazzjonijiet ma setgħux jiġu kompluti minħabba xi raġuni imputabbli lilha jew lil żewġha, anzi kien fl-interess tagħhom li ladarba ħallsu għall-*blinds* ikollhom sistemi li jiffunzjonaw u li ma hemm l-ebda loġika jew gwadann għalihom li jgħidulu biex ma jkompliex jaħdmilhom jew iħallilhom il-*blinds* nofs xogħol.

Fil-kontro-eżami[20] ikkonfermat in-numru tal-*mobile* tal-attur u li f'Lulju tas-sena 2021 ingaġġat is-servizzi tal-konvenut li jopera bl-isem ta' Mi Casa Solutions, li saret taf bih fuq l-*internet*. Hija kkonfermat li sa fejn taf hi l-unika dokument iffirmat bejn il-partijiet kienet l-*order form*. Bażikament l-ordni kienet għal *blinds* jaħdmu bl-elettriku madwar id-dar, ġewwa tlieta (3) jew erba' (4) kmamar. Meta l-konvenut mar fuq il-post ma kienx hemm plakek f'kull post fejn kellhom jiġu installati l-blinds imma eventwalment kien hemm plakek fil-bibien u t-twieqi li saru meta kienu f'kommunikazzjoni mal-konvenut. Il-konvenut u t-tim tiegħu ma qalulhiex li huma kienu ser jieħdu ħsieb il-provvista tal-elettriku imma ovvjament kellu jara li jaħdmu l-

[18] A fol 151 et seq tal-proċess
[19] A fol 50 et seq tal-proċess
[20] A fol 129 et seq tal-proċess, konro-eżami datat 10 ta' Mejju, 2022

*blinds* u għalhekk kellu jinstalla mil-plakka għal blind. Huma ordnaw il-blinds f'Ġunju u l-konvenut ma kienx mar għall-ewwel appuntament u meta ċemplitlu kien arroganti. Bagħat lil xi ħadd iħalli l-*blinds* qabel bagħat lil xi ħadd ieħor biex jinstallahom iżda kien fl-aħħar ta' Awissu jew Settembru. B'referenza għal messaġġ datat 4 ta' Awissu, 2020 mibgħut fejn kien intalab mill-atturi sabiex l-installazzjoni tinqasam f'żewġ ġranet differenti qalet li bagħtu r-raġel tagħha. Kompliet li l-messaġġ ma jgħidx biex ma jinstallawx iżda li jista jkun hemm kamra li ma tistax issir installazzjoni fiha. Fuq domanda li wara l-messaġġ li ntbagħat mir-raġel tagħha fl-4 ta' Awissu kien fl-4 ta' Settembru, 2020 fejn il-konvenut kien informah li kien ser iċaqlaq xi appuntamenti, ir-raġel tagħha kien qallu li ma kienx hemm għaġġla, wieġbet li huma qed jilmentaw fuq xogħol li sar ħażin. Meta marru n-nies biex jinstallaw il-provvista tal-elettriku kienet lesta għaliex qabel kellhom il-ħaddiema u kollox sar u kienu qed jistennew il-*blinds*. Innegat li kellhom provvista tal-elettriku biss fil-kċina u l-kamra tas-sodda u ma kellhomx fil-kumplament. Ikkonfermat li ħallsu il-bilanċ rimanenti ta' elfejn ewro (€2,000) f'Settembru 2020 u kompliet li ma kellhomx iħallsu. Innegat li l-konvenut installa *wires* temporanji. Qalet li ma hemm xejn x'jipplagjaw. Tat eżempju li hemm bieb kbir li ma hemmx xi twaħħal mal-plakka. Qalet li l-għan tal-*blinds* li jaħdmu u għalhekk trid tqabbadhom. Fir-rigward ta' li qalet fl-affidavit li kważi nħarqet id-dar spjegat li filgħaxija semgħu ħafna sparks u meta daħlu ġo waħda mil-kmamar kien hemm riħa ta' ħruq u raw il-*flings coming out* u għalhekk preżentaw ir-ritratt. Raw daħna ħierġa mill-*blinds* u tfew il-*main* tad-dawl.

Fir-ri-eżami[21] qalet li n-nies li qabbdu il-*blinds* mal-*points* kien barrani u impjegat tal-konvenut.

Ra l-affidavit ta' **Alfred Mifsud**[22] li permezz tiegħu ddikjara li fis-sena 2019 ingaġġa lil Daniel Lyubomirov Barzashki u t-tim tiegħu ta' 'Mi Casa Solutions' biex jinstallaw *pergola* mħaddma bl-elettriku fir-residenza tas-sajf tiegħu f'Buġibba. L-ewwel darba li mar fuq il-post u ċioe' fir-residenza tas-sajf tiegħu, Barzashki staqsa dwar fejn tinsab il-provvista tal-elettriku għall-*pergola* mitluba. Huwa kien qallu li jekk ma jkunx hemm provvista tal-elettriku li tinsab ħdejn il-*pergola* li ried ser ikolli jqabbad *electrician* sabiex jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa u jipprovdi provvista tal-elettriku għall-*pergola* motorizzata. Barzashki kien informah li t-tim tiegħu f''Mi Casa Solutions' ma jipprovdix tali servizzi tal-elettriku lill-klijenti tagħhom u b'hekk il-provvista tal-elettriku jkollha tkun lesta fil-post sabiex il-pergola tkun installata b'mod adegwat. Għalhekk ra li l-provvista tal-elettriku kienet lesta meta l-pergola motorizzata ġiet installata minn Barzashki u t-tim tiegħu ta' 'Mi Casa Solutions' fis-sena 2019.

Ra l-affidavit ta' **Daniel Lyubomirov Barzashki[23]** li permezz tiegħu ddikjara li hu fornitur tal-*blinds* u purtieri, kemm elettriċi kif ukoll manwali. Hu u l-installaturi tiegħu jinstallaw il-*blinds* u l-purtieri fiżikament u mbagħad iwaħħluhom mal-provvista tal-elettriku li tkun diġà eżistenti għand il-klijenti. Spjega li m'għandux liċenzja biex jinstalla l-provvista tal-elettriku fil-proprjetà tal-klijenti peress li hu mhux *electrician* iżda fornitur ta' *blinds* u purtieri kemm elettriċi u kemm mhux elettriċi. Qatt ma qal li hu *electrician* u l-klijenti tiegħu kollha huma mgħarrfa bil-fatt li jeħtieġ li jkollhom provvista tal-elettriku li taħdem lesta għall-*blinds* elettriċi, fil-każ ta' installazzjonijiet ta' *blinds* tal-elettriku. Bħal klijenti kollha tiegħu, l-atturi ġew mgħarrfa b'dan u hu kien ħa dan l-inkarigu sabiex jipprovdilhom il-*blinds* tal-elettriku biss. Mar fuq il-post qabel bdiet l-installazzjoni sabiex jiggwidaw lill-atturi dwar fejn kien hemm

[21] A fol 144 et seq tal-proċess
[22] A fol 72 tal-proċess
[23] A fol 73 et seq tal-proċess

bżonn il-provvista elettrika għall-installazzjoni tal-*blinds*. Ir-relazzjoni tax-xogħol bejn il-partijiet bdiet fil-bidu tas-sajf tas-sena 2020 skont ordni ppreżentata[24], liema ordni hija ffirmata minn Dr Sammut, u tgħid ċar u tond li għandu jforni lilu u lil martu bi *blinds* u tlett (3) *remote controls*. Kompla jgħid li qatt ma ġie ingaġġat sabiex jinstalla xi provvista tal-elettriku. Kuntrarjament għal dak allegat mill-atturi, l-ordni tal-*blinds* tal-elettriku ngħatat f'Awwissu tas-sena 2020 skont il-messaġġ datat l-4 ta' Awwissu, 2020 u mhux f'Settembru[25]. Qal li dan il-messaġġ juri li fl-4 ta' Awwissu l-atturi infurmawh li l-*blinds* jista' jkun li jkollhom jiġu installati f'żewġ appuntamenti separati minħabba xogħolijiet li kienu qed isiru fil-propjetà tagħhom u talabhom javżawh meta jixtiequ li jkomplu bix-xogħol tagħhom. Wieħed jista' jara wkoll fil-messaġġ ta' wara, nfurmawhom li setgħu jipproċedu bil-ħidma tagħhom eżattament xahar wara, u ċioe' l-Ġimgħa 4 ta' Settembru fl-4 ta' wara nofsinhar. Kienu qed jippruvaw iċaqalqu l-appuntamenti biex jakkomodawhom peress li, sa dak iż-żmien, kien għadda xahar u kienu ġja bbukkjati kompletament bl-installazzjonijiet. Huma wieġbu u qalulhom li ma kienux mgħaġġlin u li m'għandhomx għalfejn imexxu l-appuntamenti iżda sempliċement riedu data ġdida[26]. Għalhekk iffissaw l-appuntament għall-21 ta' Settembru. Ħamest'ijiem wara, fil-15 ta' Settembru, 2020 irċievha messaġġ li jgħid li ma kellhom l-ebda problema biex jipposponu peress li l-21 ta' Settembru kienet ser tkun festa pubblika. Huwa fehem li peress li bagħtu hekk, kienu xtaqu jieħdu l-ġurnata ta' mistrieħ u jipposponu l-appuntament. Madankollu, l-attur kien qallu li ser ikun qed jaħdem xorta waħda u li setgħu jipproċedu bl-appuntament tagħhom fil-21 jew il-Ġimgħa ta' wara. Il-messaġġi tiegħu bdew jikkawżaw konfużjoni u dan għaliex hemm fejn qed jitlob li jipposponi, imbagħad li l-21 kien tajjeb iżda mbagħad issuġġerixxa l-Ġimgħa ta' wara. Kienu qishom mhux ħerqana biex issir l-installazzjoni[27]. Fil-21 fil-fatt indunaw li l-atturi ma kellhomx provvista ta' elettriku adegwata u numru ta' affarijiet oħra kienu neqsin, minkejja li kienu taw struzzjonijiet biex jiżguraw li jkun hemm provvista tal-elettriku xierqa għal-*blinds*[28]. Fis-26 ta' Settmebru, għall-darb'oħra marru fil-fond tal-atturi biex ilestu it-twaħħil tal-blinds. Kien hemm żball fil-ħin tal-appuntament u skużaw ruħhom għal dan l-iżball. Madanakollu l-attur kien pastaż ħafna u saħansitra qallu injorant[29]. Setgħu jinstallaw b'mod komplut sitt (6) *blinds* mill-għoxrin (20) ordnati[30] u dan għaliex l-atturi kellhom provvista elettrika biss fil-kamra tas-sodda u l-kċina. Fil-*living room*, huma sempliċiment waħħlu plakka temporanja sabiex jaraw li l-blinds kienu jaħdmu, fejn tawhom struzzjonijiet sabiex ma jwaħħlux il-plakka temporanja għal raġuni ta' sigurta', stante li ma kellhom l-provvista tal-elettriku l-proprja installata għal-*blinds*. Il-*blinds* li kienu ser jiġu installati fil-kurritur tat-tieni sular kienu fiżikament f'posthom iżda mhux konnessi *stante* li ma kienx hemm l-elettriku disponibbli. L-attur beda jagħmel akkużi foloz fejn qal li ħallew *mess* u li kważi ħarqulu d-dar minħabba l-*wires* li kienu esposti, b'referenza għall-plakka temporanja mwaħħla mal-*blinds* tal-*living room*, liema allegazzjonijiet huma kompletament foloz. Ma ħallew l-ebda *mess* u meta staqsewh għal xiex kien qed jirreferi, l-attur uriehom ritratt tal-*wires* mqabbda mal-*blinds* tal-elettriku fil-*living room*[31], liema *wires* tħallew hekk għaliex l-atturi qatt ma installaw il-provvista tal-elettriku għall-*blinds* tal-

[24] A fol 76 tal-proċess
[25] A fol 77 tal-proċess
[26] A fol 83 et seq tal-proċess
[27] Ibid
[28] A fol 80 et seq tal-proċess
[29] A fol 83 et seq tal-proċess
[30] A fol 76 tal-proċess
[31] A fol 84 tal-proċess

elettriku. Dawk il-*wires* setgħu jikkawżaw problemi jekk jippruvaw iqabbduhom mal-elettriku tagħhom qabel ma jinstallaw il-provvista tal-elettriku adegwata. L-atturi qatt ma wrewhom prova ta' xi duħħan li kkawża l-*alarm* tan-nar sabiex jintefa jew ta' xi theddida reali. Barra minn hekk, huma taw struzzjonijiet speċifiċi lill-klijenti sabiex ma jippruvawx jgħaqqdu l-*wires* tal-elettriku temporanji mal-elettriku tad-dar peress li l-wires kienu biss temporanji u l-ewwel kien jeħtieġ li jinstallaw il-provvista tal-elettriku adegwata għall-*blinds* tal-elettriku qabel ma jużawhom. Beda jissuspetta li l-attur, fil-fatt injora l-istruzzjonijiet speċifiċi li tah u meta għal darb'oħra qallu li l-provvista tal-*blinds* trid tinżamm mitfija, fil-messaġġ tiegħu datat il-5 ta' Ottubru 2020 wieġeb li kien neħħiehom mill-plakek u għamel *china connectors* u reġa' għamlilhom it-*tape*[32]. Għalhekk l-attur innifsu kien li poġġa lill-familja tiegħu fil-periklu u mhux hu jew l-installaturi tiegħu. Kompla jgħid li l-attur jibqa' jinsiti li l-*blinds* tal-kamra tas-sodda u l-*blinds* tal-kċina biss jaħdmu u dan għal xi tort attribwibbli lilhom. Il-*blinds* tal-kamra tas-sodda u l-*blinds* tal-kċina kienu l-uniċi *blinds* li ħadmu għaliex huma l-uniċi *blinds* li għalihom għandhom provvista tal-elettriku fid-dar. Qal li l-attur huwa l-ewwel klijent li qatt kellhom li stenna li jkollu *blinds* tal-elettriku jaħdmu mingħajr provvista tal-elettriku. Kompla jgħid li fl-aħħarnett fit-8 ta' Ottubru, 2020, l-attur bagħatlu messaġġ fejn qallu li jrid rifużjoni, filwaqt li talab li jżomm il-*blinds* fil-kamra tas-sodda u ordnalu sabiex jibdel il-bqija tal-*blinds* bi *blinds* manwali[33]. Dan ma kienx possibbli. Dan għamlu wara li pposponew l-installazzjoni, ma installawx provvista tal-elettriku adegwata sabiex ikollhom *blinds* tal-elettriku. Minkejja n-nuqqasijiet kollha l-atturi waħħlu fih u fl-installatur tiegħu għad-dewmien. L-atturi kienu jafu eżattament fiex kienu jikkonsistu s-servizzi tagħhom. Huma għamlu l-ordni iżda ma wettqux ix-xogħol fuq l-provista tal-elettriku kif kien meħtieġ. Mingħajr il-provvista tal-elettriku wieħed ma jistax jistenna li jkollu *blinds* tal-elettriku li jaħdmu[34]. Hu u l-installatur tiegħu wettqu x-xogħol tagħhom bl-aħjar mod tagħhom, nefqu l-flus fuq l-ordni u ddedikaw ħafna ħin lill-atturi billi ħafna drabi ċaqilqu l-appuntamenti biex jakkomodawhom. Għalhekk l-atturi għandhom iħallsu l-bilanċ li fadal ta' seba' mija, tnejn u tletin Ewro (€732.00). Huwa annetta dokument mill-paġna ta' *facebook* tagħhom, b'numru ta' referenzi li juru li huma kburin li l-klijent ikun sodisfatt[35].

Fil-kontro-eżami[36] kkonferma li ma għandux liċenzja tal-elettriku u lanqas hu *electrician*. Spjega li l-edukazzjoni tiegħu hija fil-*high voltage* imma sadanittant minn mindu l-istandards ewropej jeħtieġu li jkollok ċertifikat lokali ma applikax għalih iżda ma jfissirx li ma jifhimx iżda li m'għandux il-permess li jagħmel dak ix-xogħol. Jekk xi ħadd isaqsih dwar il-ħxuna tal-*wires* tal-elettriku eżempju fuq voltaġġ huwa jirrispondihom imma b'mod mhux uffiċjali. Hu ma spezzjonax il-kmamar iżda saqsa x'għandu bżonn il-klijent li jkollu fil-kmamar. Qal li tawh il-kundizzjonijiet u wara hekk tawhom il-prezz għal prodott bl-installazzjoni u l-konnessjoni, liema konnessjoni tkun mill-elettriku eżistenti li kellhom fil-kċina, tieqa tal-kċina u l-bieb tal-kċina biss. Il-ftehim tagħhom kien li jippreparawhom għaliex riedu *blinds* tal-elettriku anka fil-kamra tas-sodda prinċipali fejn preparaw *cable* ġdid permezz ta' liema qabbdu l-*blinds*, u ċioe' l-prodott tagħhom. Huma jkunu jeħtieġu *cable*, *two* jew *three course*, kemm jista jkun possibbli qrib tal-*blinds* li jinstallaw fuq il-post, liema *blinds* jiġu mqabbda mal-*cables* eżistenti, direttament mal-*wire*. Teknikament il-*blinds* jaħdmu meta jispiċċaw mix-xogħol għaliex xi

[32] A fol 85 tal-proċess
[33] A fol 86 et seq tal-proċess
[34] A fol 87 tal-proċess
[35] A fol 88 et seq tal-proċess
[36] A fol 158 et seq tal-proċess, kontro-eżami datat 14 ta' April, 2023

drabi l-*blinds* tal-elettriku jaslu b'kollox u jinstallaw u wara jkollhom jagħmlu xi affarijiet *extra* bħal *set limits, set borders*. Huma responsabbli għal dawn. Ikkonferma li l-klijent ikun responsabbli sabiex jissuplixxi il-*cable* tal-elettriku biss, u l-kumplament jagħmluh huma. Kompla jispjega li l-installazzjoni ssir minnu jew mill-impjegati tiegħu. Kien hemm provvista fil-kċina u fil-kamra tas-sodda prinċipali iżda fil-kurritur fit-tieni sular u fil-*living room* li li kien hemm numru ta' *blinds* ma kienx hemm elettriku ppreparat u l-ftehim kien li jippreparaw provvista temporanja kemm jagħmluhom u wara jiċċertifikawhom. Meta jsemmi installazzjoni temporanja u installazzjoni proprja jfisser bħal eżempju meta jkun hemm *aircondition* ordnat, il-post ikun għadu taħt kostruzzjoni, il-klijenti jkunu jridu l-ordni iżda l-*electrician* ma jlestix ix-xogħol. Jinstallaw il-*blinds* fuq il-post, huma jagħmlu estensjoni ta' *wire* li tispiċċa bi plakka sabiex jirċievu il-provvista tal-elettriku mil-*blind* sabiex tiġi ssetjata. Meta jagħmlu l-*blind*, il-mutur ikollu l-memorja li tibqa' anke mingħajr l-elettriku u wara jew ineħħu l-*cable* temporanju jew iħalluha hemm skont xi jkun irid il-klijent. Kien hemm provvista f'parti mil-kmamar imma mhux kullimkien. Il-*blinds* kienu nstallati fuq il-post iżda mhu imqabbda mal-provvista tal-elettriku eżistenti u għalhekk kellhom jagħmlu l-*cables* temporanji. Il-vultaġġ huwa l-istess iżda wara li jlestu x-xogħol jaqilgħu l-*cable* u wara li jitilqu ma jkunux jafu kif ser jiġu użati. Normalment javżaw lil klijent biex ma jikkonttettjawhx iżda ma jistgħux jgħidulhom biex ma jużawhx. Mistoqsi jekk bejn Ġunju u Settembru marrux fuq il-post u spezzjonaw, jekk sarux l-installazzjonijiet qabel ma bdewx ikkonferma li ma marrux. L-ewwel ibbukjaw appuntament sabiex l-installazzjoni tibda f'Awissu, il-klijent qalilhom li kienu lesti u li setgħu jmorru. Marru fuq il-post u l-klijent qalilhom biex iħallu x-xogħol hemm għaliex kien qed isir xogħol ieħor. Il-klijent anke ppropona biex iħallas parti mill-flus li rrifjutaw. Qalilhom li kellu jkun lest fi żmien ġimgħatejn u kien għalhekk li qalulu biex ma jħallasx u dan għax jafdawh. Sfotunatament l-installazzjoni bdiet f'Settembru minflok f'nofs Awissu. Ikkonferma li kien hemm tlieta u għoxrin (23) *blind* x'jitwaħħlu li setgħu jitwaħħlu f'ġurnata, u l-kumplament ma setgħux jiġu nstallati minħabba li ma kienux ppreparaw dak mitlub. Fil-ġurnata li rċivew l-ordni u d-depositu, iddiskutew dan fuq il-post u huma qalulhom li jridu provvista tal-elettriku u wara tkellmu dwar il-ħxuna tal-*cable*. Ma kienx hemm *electrician* la min-naħa tagħhom u lanqas min-naħa tiegħu. L-installaturi tiegħu ma humiex *electricians* u għalhekk ma jikkrejawx elettriku mal-installazzjoni. Huma jinstallaw *blinds* motorizzati u mhux tal-elettriku għaliex *blinds* motorizzati jistgħu isiru bi provvista tal-elettriku, u ssuppliti bil-*battery* li jiġu konnessi ma provvista tal-elettriku eżistenti. Din hija konnessjoni sempliċi mal-provvista tal-elettriku eżistenti li ma tirrikjediex kompetenza biex jitwaħħal ma' *cable*. Ikkonferma li kien hemm appuntament li ma marrux u dan ħadu żball. Fir-rigward ta' messaġġ li ntabagħat mill-attur li jgħid "*today we had an appointment which you forgot. You said you had only three hours work and you could sort it out today. Today has now passed and work is still not finished*", spjega li ix-xogħol ma kienx sar dak inhar għaliex suppost kien hemm provvista tal-elettriku għal kumplament tal-*blinds* li kienu fiżikament installati speċjalment fil-kurritur fit-tieni sular. Kellhom jippreparaw il-provvista temporanja li ma saritx dakinhar u li għamlu kien li ċċekkjaw il-konnessjonijiet u li jgħattu l-*cables* sabiex ma jidhrux. Wara indunaw li l-muturi ma kienux ssettjati u kellhom jissetjatwhom iżda minħabba li x-xewqa tal-klijent kienet li jagħmel *weekly schedule* fuq il-muturi kellhom iġibu espert minħabba li huma jissupplixxu u ma jimmanifatturawhomx. Fir-rigward tar-ritratt esebit a fol 56 qal li kienu l-konnessjonijiet, li jispiċċaw fi plakka li jipprovdi l-klijent, liema plakka kienet maqlugħa meta telqu u li hu kien avża li ma tintużax għaliex ix-xogħol kien għadu mhux lest. Il-proċess hu li l-ewwel jintbagħtu, wara l-konnessjonijiet kollha iridu jiġu ċċekjati u wara meta jiħu ssetjati x-xogħol tagħhom ikun spiċċa u l-klijent jista' jħallas u għalhekk għad

hemm ħlas li għadu ma sarx f'din l-ordni. B'referenza għar-ritratt f'paġna 33 tal-proċess spjega li l-problema kienet li fiżikament il-*blinds* qegħdin minn fuq mhux viċin l-art u kellhom bżonn *cable* viċin ħafna l-*blind* u mhux fi tnax (12)-il metru. Huma kienu ddiskutew fuq il-post il-*points* fejn kellhom isiru. Ma jafux jekk il-blinds humiex konnessi jew le mad-dawl u dan għaliex wara din il-konversazzjoni, il-kommunikazzjoni mal-klijent waqfet. Ikkonferma li kien fadal xogħol xi jsir.

Il-każ in diżamina jikkonsisti f'xiri u installazzjoni ta' *blinds* motorizzati li ġew ordnati mill-atturi mingħand il-konvenut. L-atturi jikkontendu illi l-konvenut wiegħdhom illi l-blinds ikunu installati sat-3 ta' Lulju, 2020 liema ħaġa ma saritx u li l-installazzjoni bdiet f'Settembru tas-sena 2020, ferm wara d-data imwiegħda u filfatt kien laħaq għadda l-istaġun li l-atturi kellhom l-aktar bżonn tal-istess blinds. L-atturi jikkontendu wkoll illi l-installazzjoni u t-tagħmir użat kien difettuż u dan għaliex la l-mutur u lanqas il-controld tal-blinds motoriżżati ma jaħdmu u għalhekk ix-xogħol magħmul ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Barra minn hekk ċertu *wiring* baqa' espost hekk kif għadu sal-lum b'riskju kbir għal familja tal-atturi, liema *wiring* ġie installat mal-*blinds* u huwa parti integrali mill-istess xogħol li l-konvenut ġie nkarigat jagħmel.

Min-naħa l-oħra l-konvneut jikkontendi li m'għandux x'jaħti għad-dewmin tal-proċess tal-installazzjoni tal-*blinds* u dan għaliex wassal l-ordni f'Awissu u mhux f'Settembru kien qegħdin jikkontendu l-atturi u li meta wassal l-ordni kienu huma stess li qalulu sabiex ma jiġux installati l-*blinds stante* li ppjanaw li jagħmlu xogħol ta' kostruzzjoni fl-istess ġurnata li kien hemm ftehim li ser jiġu installati l-*blinds* u kienu damu xahar sħiħ sakemm kellmuh lura. Jikkontendi wkoll illi meta marru fuq il-post sabiex jinstallaw il-*blinds*, huwa nnota li kien hemm biss provvista tal-elettriku għal *blinds* fil-kċina filwaqt li fil-postijiet l-oħra fejn kellhom jiġu nstallati l-kumplament tal-*blinds* ma kellhomx provvista tal-elettriku sabiex ikun jista jqabbad il-*blinds* magħhom. Kompla jikkontendi li hu kien informa lill-atturi b'dan in-nuqqas u bil-fatt li hu ma kellux liċenzja sabiex jinstalla l-elettriku u li xogħolu kien sempliċiment li jforni l-*blinds* u jqabbadhom mal-provvista tal-elettriku, fejn kienu informawh li kienu ser jirranġaw sabiex ikollu provvista tal-elettriku. Għalhekk peress li ma kellhomx dan bħalma wieħed għandu jkollu matul dan l-appuntament waħħal biss *wires* temporanji ma plakka sabiex jara jekk il-blinds kienux jaħdmu sew, kif ukoll avżahom li din kienet sistema temporanja u li m'għandhom jippruvaw jużaw il-*blinds* jew iqabbduhom mal-plakka qabel ma jirranġaw il-provvista tal-elettriku u qabel hu jqabbad il-*blinds* mal-elettriku. Il-muturi tal-*blinds* waslu mingħand il-manifattur jaħdmu, biss ma kienux pprogrammati u għalhekk bdew isiru l-arranġamenti sabiex rappreżentant tal-manifattur imur jipprogrammahom hu.

Illi għalhekk il-kawża odjerna hija msejsa fuq tlett binarji u ċioe' hekk kif jirriżulta fir-rikors promotur li l-atturi sofrew danni:

- mhux biss kawża tad-dewmin inutli u mingħajr ebda ġustifikazzjoni sabiex ġew installati l-*blinds* mill-konvenut iżda anke minħabba l-iskumdita' li qed ikollhom jgħixu biha *stante* li spiċċaw mingħajr *blinds* funzjonabbli kif għadhom sal-ġurnata tal-lum;

- għaliex l-installazzjoni u t-tagħmir użat kien difettuż u dan għaliex la l-mutur u lanqas il-*controls* tal-*blinds* motoriżżati ma jaħdmu u għalhekk ix-xogħol magħmul ma sarx skont is-sengħa u l-arti. Barra minn hekk ċertu *wiring* baqa' espost hekk kif għadu sal-lum b'riskju kbir għal familja tal-atturi, liema *wiring* ġie installat mal-blinds u huwa

parti integrali mill-istess xogħol li l-konvenut ġie nkarigat jagħmel, u li wara ġimgħat ta' stennija u numru ta' attentati l-istess konvenut ma spiċċax ix-xogħol li ġie inkarigat jagħmel u dan għaliex dejjem sab skuża sabiex ilesti jew jirranġa x-xogħol;

- kawża ta' dan l-atturi qed iġarrbu problem bis-sistema tal-*fire alarm* u dan għaliex minn mindu ġew installati l-*blinds*, l-*alarm* qed tiġi *triggered* għal kull ħaġa ta' xejn.

Fir-rigward tal-kawża tad-dewmin sabiex jiġu installati l-*blinds* l-atturi fl-affidavit tagħhom jgħidu "*ninsistu li aħna stennejna li jkollna x-xogħolijiet lesti sal-ewwel ġimgħa ta' Lulju u m'huwiex minnu li għidnilu sabiex ma jibdiex ix-xogħolijiet għaliex ridna nagħmlu xi xogħolijiet ta' kostruzzjoni fid-dar*". Spjegaw li l-konvenut kien qalilhom li l-*blinds* kienu ser ikunu installati sat-3 ta' Lulju, 2020, liema data tirriżulta mill-fattura esebita[37]. Fl-affidavit komplew jgħidu li kien f'Settembru 2020 meta l-konvenut beda bl-installazzjonijiet.

Min-naħa l-oħra fl-affidavit tiegħu l-konvenut iddikjara li l-*blinds* motorizzati kienu fuq il-post f'Awissu 2020 fejn fl-4 ta' Awissu 2020 l-atturi nformawh li l-*blinds* jista' jkun li ser ikollhom jiġu nstallati f'żewġ appuntamenti separati minħabba x-xogħol li kellhom għaddej fuq il-post fejn kien qalilhom sabiex jinfurmawh meta xtaquhom ikomplu bix-xogħol. Kienu qablu li jsir l-appuntament fil-21 ta' Settembru, fejn fil-15 ta' Settembru 2020 irċievha messaġġ li l-atturi ma kellhomx problema jipposponu fejn l-atturi infurmawh li ma kellhomx problema li jipposponu għal-Ġimgħa. Fis-26 ta' Settembru reġgħu marru fid-dar tal-atturi sabiex jlestu l-intallazzjoni tal-*blinds* fejn ħadu żball fil-ħin u skużaw ruħhom.

Mill-fattura u l-messaġġi esebiti[38] li ġew ikkonfermati kemm mill-attur u kemm mill-konvenut jirriżulta li:

- Fit-13 ta' Ġunju, 2020 l-atturi marru għand il-konvenut u ordnaw il-*blinds*;
- Fit-3 ta' Lulju, 2020 kellhom jiġu installati l-*blinds*;
- Fl-4 ta' Awissu, 2020 kien hemm appuntament skedat ieħor u l-atturi infurmawh illi jista jkun li ser ikun hemm bżonn li l-installazzjoni tal-istess *blinds* ikollhom jinqasmu fuq jumejn stante li kellhom xi xogħolijiet għaddejjin id-dar;
- Fl-4 ta' Awissu, 2020 l-attur bagħat sabiex meta jridu jiġu nstallati l-*blinds*;
- Fil-5 ta' Settembru, 2020 il-konvenut rrisponda li t-Tnejn kien ser jiċċekja l-iskeda tagħhom għal ġimgħa ta' wara u jkellmu;
- Fl-10 ta' Settembru, 2020 l-attur bagħat tfakkirha fejn il-konvenut irrisponda li qed jipprovaw iċaqilqu xi appuntament għaliex ser ikollhom bżonn ġurnata jew tnejn, fejn l-attur irrispondha li ma kellux għaġġla, ma kellux għalfejn iċaqlaq appuntamenti u kull ma jridu data sabiex jippjanaw. Ingħata appuntament it-Tnejn 21 ta' Settembru fid-9.00am għal-liema appuntament l-attur ikkonferma;
- Fil-15 ta' Settembru 2020 l-attur bagħat li t-Tnejn ser tkun festa pubblika u staqsa jekk hux xorta kienu ser jipproċedu bl-installazzjoni tal-*blinds* u li għalihom ma kienetx problema li jipposponu. Il-konvenut irrisponda li jekk iridu jistrieħu ma hijiex problema iżda huma jaħdmu wkoll fil-vaganzi u li l-ġurnata li setgħu jmorru kienet il-

[37] A fol 29 tal-proċess
[38] A fol 76 et seq tal-proċess

Ġimgħa 25 ta' Settembru. L-attur irrisponda li hu jaħdem l-isptar u li jkun ser ikun xogħol, u li kien qed jgħidlu għaliex kulħadd ikun magħluq. Il-konvenut qallu li għalihom ma kienetx problema u jekk hux qed jikkonferma l-appuntament. L-attur irrisponda li jekk kienu ser ilestu it-Tnejn ma kienetx ser tkun problema u dan għaliex it-Tlieta ma kien ser ikun hemm ħadd id-dar, inkella jmorru l-Ġimgħa u għalihom ma kienetx tagħmel differenza. Il-konvenut irrisponda li ser jipprovaw ilestu ix-xogħol kollu t-Tnejn;

- Fil-21 ta' Settembru sar skambju ieħor;
- Fis-26 ta' Settembru 2020 il-konvenut informa lill-attur li l-installatur kellu jmur bejn l-10.30hrs u l-11.00hrs u kienu ser jipprovaw iċaqalqu xi installazzjonijiet sabiex imorru fil-ħin. Skuża ruħu jekk idumu. L-attur bagħat sabiex ilestu kemm jista jkun malajr u li l-appuntament kien fid-9hrs u mhux f'12.00hrs, fejn sar divverbju bejn il-partijiet.

Illi jirriżulta li għalkemm kien hemm dewmin sabiex tinbeda l-installazzjoni tal-*blinds,* l-istess dewmin kien attribwibbli għal-partijiet kollha. *Oltre* minn hekk, minn dak hekk kif riprodott fis-suespost jirriżulta illi l-appuntamenti kienu maqbula bejn il-partijiet, salv għal appuntament li l-konvenut kien nesa.

Issa it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jara jekk l-installazzjoni saritx skont is-sengħa u l-arti.

Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Direttur Generali tax-Xogholijiet Pubblici vs Charles Azzopardi**[39] fejn il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fuq din il-materja rriteniet:

> *Jirrizulta wkoll li r-rih il-qawwi, dak li jahbat mill-majjistral, ma kienx jahbat direttament ghal fejn twahhal u nqala' l-waterproofing membrane, u f'bini iehor, li wkoll giet trattat mill-konvenut, fejn il-fili wkoll thallew in parte miftuha u, f'xi bnadi kienu anke jharsu fid-direzzjoni tal-majjistral, il-membrane ma nqalghetx, ovvajment ghax hemmhekk ix-xoghol ta' `bonding' sar sewwa. Il-perit tekniku ma setax jeskludi li r-rih mill-punent seta' ikkontribwixxa ghall-qlugh tal-membrane, pero', din il-Qorti ma thossx li dan il-fattur kellu xi effett preponderanti fuq l-incident, u, f'kull kaz, ma jnaqqasx mill-obbligu tal-kuntrattur li jaghmel ix-xoghol li jidhol ghalih skond l-arti u s-sengha.*
>
> *Dan qed jinghad fil-kuntest tal-argument tal-konvenut li ma kienx xogholu li jkahhal il-fili, izda hu kellu biss jpoggi l-waterproofing membrane fuq l-art tas-saqaf in kwistjoni. Dan hu minnu, pero', appaltatur m'ghandu qatt jippresta x-xoghol tieghu jekk jaf li r-rizultat, ghal xi raguni jew ohra, mhux se jkun sodisfacenti.*
>
> *Jekk is-sodda li fuqha l-appaltatur se jaghmel xogholu mhux sodisfacenti ghalih, ghandu jirrifjuta li jaghmel ix-xoghol qabel ma dik is-sodda ssir tajba u idonea ghal xogholu; jekk il-kommittnet jibqa' ma jirrangax dik is-sodda, l-appaltatur ghandu jirrifjuta li jippresta xogholu, anke jekk il-kommittent jinsisti mieghu li jista' jahdem. Lappaltatur la jista' jwahhal fl-ghodda tieghu u lanqas ma jista' jwahhal f'xi haga hazina li saret minn xi hadd iehor, meta hu kien jaf jew kellu jkun jaf b'dak*

[39] Ċit Nru: 939/1993/2TM deċiża fit-3 ta' Lulju, 2003

*id-difett, izda xorta jibqa' ghaddej u jaghmel il-parti tieghu fuq ix-xoghol il-hazin. L-appaltatur ghandu, f'kull cirkustanza, jesegwixxi l-inkarigu lilu moghti skond l-arti u s-sengha, u jekk jaf li rrizultat ahhari, ghal xi raguni hi x'inhi, mhux se tkun sodisfacenti, ghandu jirrifjuta' li jaghmel ix-xoghol, u jekk jaghmlu jkun responsabbli ghad-danni (ara "Galea vs Gatt", deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Marzu, 1994).*

*Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Farrugia vs Portelli et", deciza fid-9 ta' Ottubru, 1987, "l-appaltaturi ma jistghux jezoneraw ruhhom minn responsabbilita' ghax-xoghol li ghamlu kontra s-sengha fuq torba ghasra billi jghidu li dan ghamluh fuq ordni u/jew fuq insistenza tassid. L-appaltatur huwa dejjem responsabbli jippresta opra sodisfacjenti u obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intramissjoni tal-kommittent. Anke kieku s-sidien kienu jafu bit-tqeghid ta' madum fuq xahx imxarrab ghasar u riedu jiehdu r-riskju, l-istess appaltaturi jibqghu responsabbli ghax dover taghhom li jipprestaw opra sodisfacenti u jirrezistu kwalunkwe intramissjoni ta' min jinkarikahom". (ara wkoll, fl-istess vena, id-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-7 ta' Jannar, 1992, fil-kawza "Galea vs Chircop", u dik moghtija minn din il-Qorti fit-18 ta' Marzu, 1994, fil-kawza "Bonnici vs Abdilla").*

*Hekk ukoll, l-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) filkawza "Camilleri Marble Works Ltd vs Bowd", deciza fl-20 ta' Jannar, 2003, qalet li kuntrattur ghandu jirrezisti kull indhil fix-xoghol tieghu li jwasslu ghall-bini ma jkunx skond l-arti u s-sengha. L-appaltatur huwa obbligat li jikkonsenja xoghol skond is-sengha tieghu u tajjeb ghall-uzu li hu previst. Hu responsabbli ghar-rizultat li jaghti u hu ghandu obbligu jara li r-rizultat ikun sodisfacjenti ghall-kommittent. Darba, kif jirrizulta, li hu kien jaf li t-tikhil li sar minn haddiema tal-Gvern ma sarx sew, ma kellux jipprocedi bix-xoghol, izda kellu jigbed l-attenzjoni tal-kommittent ghal dan id-difett, u ma jipprestax xogholu qabel ma x-xoghol ta' tikhil isir sewwa.*

Mix-xhieda tal-partijiet jirriżulta li l-konvenut kien inkarigat sabiex jinstalla *blinds* motorizzati fil-proprjeta' tal-atturi liema *blinds* kellhom jiġu mqabbdin mad-dawl. Jirriżulta wkoll mill-affidavit tal-konvenut illi ġew installati biss sitta (6) minn għoxrin (20) *blind*, li ġew ordnati. Il-kontestazzjoni min-naħa tal-konvenut hija li dawn ma setgħux jiġu installati u li dawk li ġew installati kien hemm minnhom li ma setgħux jaħdmu għaliex l-atturi ma għamlux provvista tal-elettriku hekk kif kien qalilhom meta mar fuq il-post l-ewwel darba. Illi kien għalhekk illi kellu jagħmel *wires* temporanji u dan sabiex jara li kienu jaħdmu.

Jirriżulta li f'Settembru meta ġew installati l-*blinds* tal-elettriku l-attur bagħat lil konvenut:

*Tomorrow we have people coming and our sitting room in a mess! With half curtains up! Other down! And wires hanging!*[40]

Kif ukoll intbagħat ritratt tal-wires kif kienu[41].

[40] A fol 83 tal-proċess
[41] A fol 84 tal-proċess

Jirriżulta li l-konvenut fil-5 ta' Ottubru kien qallu:

> *Yes of course we will come this week to fix everything which is rest! And I ask my installer to turn off the electricity till the moment which we will come pleas!*
>
> *Supplay for this blinds must be off from the plug please!*

Illi mir-rapport ta' Melkisedek Grima datat 29 ta' Jannar, 2021[42] kif ukoll mill-kontro-eżami tiegħu jirriżulta li huwa mar fuq il-post tal-atturi u ra l-*blinds* fejn irriżultalu li l-maġġjor parti tal-*blinds* ma kienux jaħdmu and xi wħud lanqas kienu konnessi mal-*point* rispettiva, xi *wires* kienu mikxufin b'mod perikoluż u kellu jirrimedjahom, u l-muturi jisħnu, li jindikaw li jew ma humiex kompatibbli mal-vultaġġ tal-elettriku Malti jew sempliċiment *under powered*. Illi *in oltre* fil-kontro-eżami huwa kkonferma wkoll li kien hemm il-*points*. Għalkemm it-Tribunal huwa konvint li l-*points* kienu fuq il-post, anke jekk għas-saħħa tal-argument ma kienx hemm il-*points*, kien fil-kompitu tal-istess konvenut li jara li x-xogħol isir sew, u jekk tali *points* ma kienux fejn kellhom isiru, kellu jara li dawn effettivament isiru u dan sabiex jagħti prodott finali komplut u sodisfaċenti.

Illi miċ-*chats* esebiti senjatament f'wieħed minnhom datat 5 ta' Ottubru 2022 jirriżulta li l-attur bagħat lil konvenut "*you have until end this week to come once and fix the mess u left behind to refund the full amount we paid*.", għal-liema messaġġ il-konvenut irrispondih "*Hm, I didn't understand what mess we live behind and listen if you want we come and take all our stuff if you are not happy but this conversation without any respect must finish*!" L-attur kompla jgħidlu li kellu sal-aħħar tal-ġimgħa sabiex isib soluzzjoni jew inkella l-konvenut irid itih l-flus lura. Il-konvenut kompla jwieġbu illi ser imorru dik il-ġimgħa sabiex jirranġaw kollox li fadal.

Illi għalhekk jirriżulta ulterjorment illi l-konvenut kien konxju li x-xogħol ma kienx sar sew and dan għaliex l-iskop li jmur għand l-atturi kien sabiex jirranġa x-xogħol li kien ġja sar.

Fir-rigward tad-danni mitluba mill-atturi, mill-atti proċesswali ma jirriżultax li ġew prodotti xi provi dwar x'danni ġew inkorsi mill-atturi.

Illi l-konvenut-rikonvenzjanti fil-kontro-talba talab is-somma ta' seba' mija, tnejn u tletin ewro (€732.00) rappreżentanti l-bilanċ rimanenti mis-somma globali tal-fattura. Għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, konsegwentement jiċħad it-talba.

### Decide

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddisponi mil-kawża billi in kwantu għat-talba promotrici u r-risposta għaliha, jilqa' t-talba attriċi limitatament billi jikkundanna lill-konvenut sabiex jirrifondi s-somma ta' tlett elef, mija u sebgħin ewro (€3,170) rappreżentati s-somma ġja mħallsa, jordna li l-atturi jerġgħu jiġu fil-posizzjoni li kienu fiha qabel fi żmien tlett (3) xhur mid-data tas-sentenza, filwaqt li jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut bl-imgħax jibda jiddekorri

[42] A fol 43 tal-proċess

mid-data tas-sentenza. Kwantu għal-kontro-talba, it-Tribunal għar-raġunijiet imsemmija jiċħad it-talba tal-konvenut-rikonvenzjonanti, u jilqa' l-eċċezzjonijiet tal-atturi-rikonvenzjonati, bl-imgħax jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza.

L-ispejjeż u d-drittijiet relattivi, inkluż tal-ittra uffiċjali 2228/2020 jitħallsu unikament mill-konvenut-rikonvenzjonanti.

**Dr. Marouska Debono**

**Ġudikatur**